# KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

# 'Business Plan' 2011-2013

**WERREJ**


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni u Analizi tas-Sitwazzjoni | 1 |
| Il-'Mission Statement' u l-Valuri | 2 |
| Ghanijiet, Rizultati Mistennija u Strategiji | 3 |
| Analizi tal-Hidma tal-Kunsill | 5 |
| Previzjonijiet tal-Finanzi u tal-'Performance' | 7 |
| Zvilupp Kapitali | 10 |

## 1.0 Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni.

Żgur li s-snin li ġejjin ser ikunu ta' sfida kbira għal kull Kunsill. Bħal Kunsilli l-oħra kollha, l-Kunsill tagħna qed jidħol għal dawn l-isfidi mingħajr ma jħares lura. Permezz ta' l-*istaff* tagħna dejjem nipprovaw inkunu ta' servizz u ta' għajnuna għal kull ċittadin. Minħabba deċentralizzazzjonijiet li qed jgħaddu f' idejn il-Kunsilli, l-Kunsill qed jaħseb sabiex l-uffiċċju tal-Kunsill ikun aċċessibbli għal kulħadd.

Wara li l-Mitħna Sotterranja t' Emerġenza fix-Xlendi għaddiet f' idejn il-Kunsill, bdejna naħdmu sabiex minn post żdingat nibdluha f' attrazzjoni turistika. Sa l-aħħar tas-sena 2011 ikun tkompla x-xogħol ta' restawr tal-Mitħna minn fondi minn miżuri 323 u 313.

Sfida kbira lill-Kunsill qed ikun il-Proġett tal-Pjazza tal-Knisja u t-toroq tal-madwar. Il-*minor amendments* tal-permessi ġew approvati u anke' ingħatajna l-approvazzjoni mingħand it-Transport Malta. Il-Kunsill ingħata s-somma ta' €70,000 mill-fond Eco-Gozo li ser imorru għal dan il-proġett. Qed nistennew risposta mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali għal fondi minn żewġ skemi li diġa' applikajna għalihom.

Il-Kunsill permezz tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ser ikompli jaħdem sabiex isebbaħ il-Bajja pittoreska tax-Xlendi. Huwa ppjanat li permezz ta' għotja ta' €20,000 minn skema li nieda d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jitranġa l-passaġġ li jieħu għall-Għar ta' Karolina. Minn fondi ta' UIF hemm propost li titranġa l-bankina panoramika ta' Triq il-Kantra. Il-Kumitat ser jingħata s-somma ta' €70,000 mill-fond ta' Eco-Gozo sabiex jitranġa l-passaġġ ta' taħt Triq San Xmun. Il-Kumitat dalwaqt jitfa' applikazzjoni mal-MEPA sabiex isir passaġġ pedonali fi Triq San Xmun.

Il-Kunsill għadu għaddej bi trattattivi mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex it-toroq fil-Munxar u Ix-Xlendi li għadhom m'humiex miksija bit-tarmak isiru mill-iskema ta' PPP.

Ma jonqosx li l-Kunsill jorganizza korsijiet li jedukaw u jgħallmu liċ-ċittadini. Jiġu organizzati ħarġiet kulturali kemm lit-tfal kif ukoll lill-anzjani tar-raħal.

Permezz tal-Kunsill u l-koperazzjoni taċ-ċittadini nipprovaw li dejjem nagħmlu ġid kemm nistgħu.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

## 2.0 Il-'Mission Statement' u l- Valuri.

### 2.1 Il'Mission Statement'

L-ghan principali ta' dan il-Kunsill matul it-tlett snin li gejjin huwa li jkun ta' servizz kontinwu ghar-residenti tal-Munxar u Xlendi kif ukoll ghal eluf ta' vizitaturi li jigu x-Xlendi, waqt li jamministra bl-ahjar mod possibli r-rizorsi finanzjarji tieghu.

### 2.2 Il-Valuri

Il-Valuri li jhaddan dan il-Kunsill huma:-

1. li jkabbar kemm jista' jkun il-gid tal-komunita` kollha waqt li jirrispetta l-bzonnijiet ta' ndividwi u setturi partikulari.

2. li jirrispetta l-opinjonijiet tal-membri kollha tal-komunita` li jirrapprezenta.

3. li jirrispetta l-ambjent u l-wirt kulturali u storiku tal-Munxar u tax-Xlendi.

4. li jkun gust u trasparenti fl-amministrazzjoni tieghu.

5. li jipprovdi u jircievi l-ahjar servizzi possibli.

3.0 Ghanijiet, Rizultati mistennija u Strategiji

## 3.1 Ghanijiet u Rizultati mistennija fl-ewwel sena (2011)

| Ghanijiet | Rizultati Mistennija |
|---|---|
| (1) Kontroll fuq l-ispiża kif ivvutata fl-estimi finanzjarji waqt li nassiguraw li l-fondi jintefqu fuq l-aħjar servizzi mogħtija. | (1) Huwa mistenni li l-ilmenti jonqsu bi tletin fil-mija. |
| (2) Li ntejbu s-servizz mogħti lir-residenti meta jressqu l-ilmenti tagħhom. | (2) Hemm il-ħsieb li jibda jinghata servizz ta sub post office mill-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill biex il-poplu jkun jista' jinqeda aħjar. |
| (3) Titjib tax-xogħol u servizzi mogħtija permezz tad-diversi kuntratti. | (3) Li ċ-ċittadin ikun moqdi kemm jista' jkun malajr u bl-aħjar mod possibbli. |
| (4) Definizzjoni u implimentazzjoni ta' programm biex insebbħu l-ambjent u d-dehra ġenerali tar-raħal. | (4) Tħawwil ta' siġar u pjanti f' diversi partijiet tar-raħal, estensjoni ta' faċilitajiet sportivi fir-raħal u rranġar tal-Pjazza ewlenija tar-raħal. |

3.0 Ghanijiet, Rizultati mistennija u Strategiji tal-Kunsill (ikomplu).

## 3.2 Ghanijiet u rizultati mistennija fuq zewg snin (2012 u 2013)

| Għanijiet | Riżultati Mistennija |
| --- | --- |
| (1) Użu aħjar ta' l-apparat teknoloġiku fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. | (1) Huwa maħsub li jiġi aġġornat is-*Software* u l-*Hardware* preżenti sabiex il-Kunsill jipprovdi servizz effiċjenti u sigur. |
| (2) Possibbilta' li jiżdied id-dħul tal-Kunsill waqt li l-ispiża tinżamm l-inqas possibbli. | (2) Huwa pproġettat li d-dħul tal-Gvern Ċentrali jiżdied proporzjonalment ta' kemm jiżdiedu l-kuntratti. |
| (3) Li jinstabu persuni adattati biex jgħinu fl-attivitajiet tal-Kunsill. | (3) Jiżdiedu aktar attivitajiet u titjieb l-organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet biex il-poplu jkun moqdi aħjar. |

### 3.3 Strateġiji

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul l-istrateġija li se jaddotta f' dawn it-tlett snin biex jiżgura li l-oġġettivi u l-pjanijiet li huwa għamel jiġu milħuqa. Dawn l-istrateġiji huma mmirati biex jikkrejaw opportunitajiet ġodda u jevitaw sitwazzjonijiet li jistgħu jkunu ta' theddida għas-suċċess tal-Kunsill.

L-istrateġija għas-snin 2011 sa 2013 għalhekk huma:

1. Li niżviluppaw relazzjonijiet kummerċjali ma' Kunsilli Lokali oħrajn, Lokalitajiet barra min Malta, Dipartimenti tal-Gvern u Kuntratturi privati biex nakkwistaw l-aħjar servizz possibbli bl-inqas spiża.
2. Li ninkoraġġixxu djaligu, rispett u li naħdmu flimkien f' tim wieħed.
3. Li nużaw l-aħjar metodi tekniċi ta' tmexxija u
4. Li ninvolvu lill-Komunitajiet residenzjali u kummerċjali fil-finanzjament ta' proġetti kapitali u soċjali biex nikkrejaw diversi żviluppi għall-benefiċċju li jitgawda fit-tul minn nies tar-raħal stess.

**4.0 Analizi tal-Hidma tal-Kunsill.**

## 4.1 Organizzazzjoni

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill tiggarantixxi li l-Kunsill jahdem b' mod effettiv fl-amministrazzjoni tieghu.

**Sindku u Kunsill**

|

**Segretarju**

|

**Ufficcjal Ezekuttiv**

L-istrategiji jigu decizi mill-Kunsill u ezekwiti minnu stess.

Barra minn hekk il-Kunsill jiddjaloga mal-partijiet kollha koncernati qabel ma jiehu decizjoni finali.

Is-segretarju qieghed ghas-servizz tall-Kunsilliera kollha u huwa l-ewwel persuna li jaghmel kuntatt mar-residenti f' isem il-Kunsill. L-ilmenti kollha jigu rregistrati u tittiehed azzjoni fl-inqas zmien possibli. Is-segretarju huwa responsabbli wkoll li jirranga l-appuntamenti necessarji tal-Kunsill ma' l-awtoritajiet kompetenti u li jghaddi l-mesaggi relevanti lill-Kunsilliera.

## 4.0 Previżjonijiet tal-Finanzi u tal-'Performance'.

### 4.2 Attivitajiet Ġenerali

Il-Kunsill Lokali tal-Munxar huwa ffurmat minn ħames membri, s-Sindku, Viċi-Sindku u tliet Kunsilliera. Ilkoll flimkien dejjem naħdmu għall-ġid tal-Lokalita'. Bħal kull Kunsill Lokali ieħor il-Kunsill Lokali tal-Munxar għandu l-funzjonijiet tiegħu x' jaqdi. Ħafna mix-xogħol isir permezz tal-Kuntratti li għandu mad-Dipartimenti tal-Gvern, mal-Koperattivi u anke' ma' Kuntratturi privati.

Jiena ċert li r-residenti japprezzaw is-sagrifiċċji li qed jagħmlu l-membri kollha tal-Kunsill li jaħdmu id f' id għal ġid tar-raħal tal-Munxar.

L-isforzi tagħna li nkunu Kunsill effiċjenti m'humiex limitati biss għall-organizzazzjoni u l-kwalita' tas-servizzi li noffru imma wkoll fid-diversi proġetti u manutenzjoni li huwa ppjanat li jsir fit-tliet snin li ġejjin.

Il-Kunsill qed jagħmel l-almu kollu tiegħu biex kemm il-Kunsilliera kif ukoll l-impjegati tal-Kunsill ikunu informati fuq l-aħjar metodi ta' tmexxija f' dak li jirrigwarda t-tmexxija ta' l-affarijiet tal-Kunsill u biex ikunu iktar ta' servizz għall-Komunita'.

Il-Kunsill hu impenjat li joffri xi servizzi li fir-raħal tal-Munxar ma jeżistux.

Il-Kunsill hu impenjat ukoll li jsebbaħ id-dehra fil-Pjazza tal-Knisja, l-Pjazza prinċipali tar-raħal u xi bankini waqt li għandu ppjanat li jitħawwlu u jinżammu siġar u pjanti f' diversi partijiet tar-raħal.

Il-Kunsill iħossu responsabbli li jżid l-effiċjenza u l-effettivita' tiegħu biex itejjeb is-servizz li joffri lir-residenti tar-raħal.

F' dan il-pjan ta' tliet snin, il-Kunsill qed jippjana li jonfoq €36,000 fis-sena 2012 sabiex jinbdew proġetti kapitali u jitkomplew oħrajn. Il-Kunsill fassal il-prijoritajiet tal-Proġetti Kapitali.

Aħna lkoll qegħdin inħarsu b' ottimiżmu lejn din l-isfida eċċitanti biex nitrasformaw lill-Munxar u lx-Xlendi fl-aqwa lokalita' f' Malta u Għawdex.

**Anthony Grech**
***Segretaru Eżekuttiv.***

## 5.0 Previzjonijiet tal-Finanzi u tal-'Performance'.

### 5.1 Stima Finanzjarja ghal-Tlett Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2011 € | STIMA 2012 € | STIMA 2013 € | STIMA 2011 - 2014 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Id-Dhul | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 237,962.00 | 525,970.76 | 296,389.76 | 1,060,322.52 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 500.00 | 510.00 | 515.00 | 1,525.00 |
| 0090 | L-Investiment | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0100 | Generali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | TOTAL | 238,462.00 | 526,480.76 | 296,904.76 | 1,061,847.52 |
| 1 | L-Infiq | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 58,607.00 | 60,805.13 | 63,009.40 | 182,421.53 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xoghlijiet ohra | 147,247.00 | 175,776.93 | 180,411.53 | 503,435.46 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 161,244.00 | 102,000.00 | 277,081.00 | 540,325.00 |
| | TOTAL | 367,098.00 | 338,582.06 | 520,501.93 | 1,226,181.99 |
| | BILANC FAVUR / (KONTRA) | (128,636.00) | 187,898.70 | (223,597.17) | (164,334.47) |
| | X' KELLNA QABEL | 165,244.00 | 36,608.00 | 224,506.70 | 165,244.00 |
| | X' GHANDNA ISSA | 36,608.00 | 224,506.70 | 909.53 | 909.53 |

### 5.2 Noti

**DHUL:** Il-Kunsill qed jassumi li d-dhul normali tal-Gvern Centrali jizdied fis-sena finanzjarja 2012 u fis-sena finanzjarja 2013.

Dhul minn kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet u minn interess bankarju hu mistenni jinbidel bi ftit.

**Infieq**

L-ispiza fuq salarji u pagi u kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali hu mistenni li jizdiedu bi tnejn fil-mija ghas-sena finanzjarja 2012 u tnejn fil-mija ohra fis-sena ta' wara. Il-bonuses se jizdiedu bi tnejn fil-mija fis-sena matul dawn it-tlett snin. Dhul supplimentari ghall-impjegati mhux mistenni li jizdied.

L-ispiza totali fuq manutenzjoni u xoghlijiet ohra mistenni li tizdied fis-sena finanzjarja 2012 u dan minhabba li l-Kunsill ser ikollu jiehu hsieb il-manutenzjoni tax-xoghlijiet godda li qed isiru fix-Xlendi.

L-ispiza kapitali tista tvarja matul dawn it-tlett snin li gejjin u dan minhabba li l-Kunsill jiddependi minn ghotjiet specjali minghand il-Gvern Centrali.

## Previsjonijiet tal-Finanzi u tal-'Performance'(ikomplu)

### 5.3 Stima ta' Dhul ghal Tlett Snin.

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2011 € | STIMA 2012 € | STIMA 2013 € | STIMA 2011-2013 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dhul** | | | | |
| 0000 | **Mill-Gvern** | | | | |
| 0001 | Annwali | 205,962.00 | 217,889.76 | 219,389.76 | 643,241.52 |
| 0002 | Supplimentari | | | | 0.00 |
| 0003 | Measures 323 - 313 | | 200,081.00 | 77,000.00 | 277,081.00 |
| 0004 | Eco Gozo | 32,000.00 | 108,000.00 | | 140,000.00 |
| 0015 | Hwejjeg ohra | | | | 0.00 |
| | | **237,962.00** | **525,970.76** | **296,389.76** | **1,060,322.52** |
| 0020 | **Il-'Bye-laws'** | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | | | | 0.00 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | | | | 0.00 |
| 0056 | Ghotjiet Sponsorjali | | | | 0.00 |
| 0066 | Generali | 500.00 | 510.00 | 515.00 | 1,525.00 |
| | | **500.00** | **510.00** | **515.00** | **1,525.00** |
| 0090 | **L-Investiment** | | | | |
| 0091 | Imghax tal-Bank | | | | 0.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | 0.00 |
| | | **0.00** | **0.00** | **0.00** | **0.00** |
| 0100 | **Generali** | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | | | | 0.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | | | | 0.00 |
| | | **0.00** | **0.00** | **0.00** | **0.00** |
| | | **238,462.00** | **526,480.76** | **296,904.76** | **1,061,847.52** |

## Previsjonijiet tal-Finanzi u tal-'Performance'(ikomplu)

### 5.4 Stima ta' Nfieq ghal Tlett Snin.

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2011 € | STIMA 2012 € | STIMA 2013 € | STIMA 2011 - 2014 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | L-Infiq | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 7,000.00 | 7,190.92 | 7,381.84 | 21,572.76 |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 36,708.00 | 38,510.67 | 40,313.34 | 115,532.01 |
| 1300 | Bonus | 3,619.00 | 3,719.17 | 3,822.35 | 11,160.52 |
| 1400 | Dhul Supplimentari | | | | 0.00 |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Socjal | 3,284.00 | 3,373.82 | 3,466.33 | 10,124.15 |
| 1600 | Koncessjonijiet ('Allowances') | 1,596.00 | 1,610.55 | 1,625.54 | 4,832.09 |
| 1700 | Allowance Kunsilliera | 6,400.00 | 6,400.00 | 6,400.00 | 19,200.00 |
| | | **58,607.00** | **60,805.13** | **63,009.40** | **182,421.53** |
| 2000 | Manutenzjoni u Xoghlijiet ohra | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bzonn (dawl/ilma/tel. et | 8,600.00 | 8,841.65 | 9,090.55 | 26,532.20 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 450.00 | 477.41 | 491.32 | 1,418.73 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 59,783.00 | 61,357.13 | 62,978.48 | 184,118.61 |
| 2400 | Kera | 3,500.00 | 3,607.06 | 3,712.12 | 10,819.18 |
| 2500 | Shubija f' Ghaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | | | | 0.00 |
| 2600 | Spejjez ta' l-Ufficcju | 2,980.00 | 3,041.29 | 3,104.42 | 9,125.71 |
| 2700 | Trasport | 800.00 | 815.60 | 831.67 | 2,447.27 |
| 2800 | Safar u vjaggar | | | | 0.00 |
| 2900 | Taghrif lill-Pubbliku | 800.00 | 818.00 | 836.54 | 2,454.54 |
| 3000 | Spejjez ta' Kuntratti | 52,634.00 | 78,557.52 | 80,845.60 | 212,037.12 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 7,000.00 | 7,042.00 | 7,085.26 | 21,127.26 |
| 3200 | Tahrig | | 318.27 | 327.54 | 645.81 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 9,800.00 | 9,956.00 | 10,116.68 | 29,872.68 |
| 3600 | Wardens | 900.00 | 945.00 | 991.35 | 2,836.35 |
| 3400 | Spejjez ohra li jinqalghu | | | | 0.00 |
| | | **147,247.00** | **175,776.93** | **180,411.53** | **503,435.46** |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | | | | |
| 7001 | Property | | 0.00 | | 0.00 |
| 7100 | Bini | 5,000.00 | | | 5,000.00 |
| 7200 | Titjib | 10,000.00 | | | 10,000.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | | | | 0.00 |
| 7500 | Progetti Specjali | 146,244.00 | 102,000.00 | 277,081.00 | 525,325.00 |
| | | **161,244.00** | **102,000.00** | **277,081.00** | **540,325.00** |
| | TOTAL | **367,098.00** | **338,582.06** | **520,501.93** | **1,226,181.99** |

## 6.0 Zvilupp Kapitali

### 6.1 Stima ta' Zvilippi Kapitali ghal tlett Snin.

| Nru. tal-Kont | Infieq Kapitali | 2011 | | 2012 | | 2013 | | 2011–13 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Progett | Deskrizzjoni tal-Progett | KONT € | PROGETT € | KONT € | PROGETT € | KONT € | PROGETT € | TOTAL TAL-KONT € |
| 7001 | Xiri ta' Propjeta' | | | | | | | 0.00 |
| 7100 | Bini u Kostruzzjoni | | | | | | | 0.00 |
| 7200 | Titjib | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 |
| 7500 | Progetti Specjali | 161,244.00 | | 102,000.00 | | 277,081.00 | | 540,325.00 |
| | | Nicec | 5,000.00 | Measure 323 | 102,000.00 | Measure 323 | 123,426.00 | |
| | | Pjazza | 10,000.00 | | | Measure 313 | 153,655.00 | |
| | | eco gozo | 140,000.00 | | | | | |
| | | measure 323 | 6,244.00 | | | | | |
| | TOTAL Progetti Godda | 161,244.00 | | 102,000.00 | | 277,081.00 | | 540,325.00 |